

Brussell, 17 ta' Frar 2017
(OR. en)

6334/17

**Fajl Interistituzzjonali:
2016/0339 (CNS)**

**FISC 47
ECOFIN 96**

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.:	6077/17 FISC 216 ECOFIN 1142 + COR 1
Nru dok. Cion:	13733/16 FISC 173 + ADD 1
Suġġett:	Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva (UE) 2016/1164 fir-rigward ta' diskrepanzi ibridi ma' pajjiżi terzi – Approċċ ġenerali

I. INTRODUZZJONI

1. Fil-25 ta' Ottubru 2016, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva (UE) 2016/1164¹ fir-rigward ta' diskrepanzi ibridi ma' pajjiżi terzi (ATAD II).
2. Din il-proposta wiegħbet għal dikjarazzjoni tal-Kunsill li ddaħħlet fil-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill ECOFIN tat-12 ta' Lulju 2016, meta ġiet adottata d-Direttiva (UE) 2016/1164 (ATAD I), li talbet lill-Kummissjoni biex "*tippreżenta proposta sa Ottubru 2016 dwar diskrepanzi ibridi li jinvolvu pajjiżi terzi sabiex tipprevedi regoli konsistenti mar-regoli rrakkomandati mir-rapport tal-BEPS tal-OECD dwar l-Azzjoni 2 u mhux effettivi inqas minnhom, bil-ħsieb li jintlaħaq qbil sal-aħħar tal-2016*".

¹ Direttiva kontra l-Evitar tat-Taxxa ('ATAD I').

3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fl-14 ta' Diċembru 2016. L-opinjoni tal-Parlament Ewropew mistennija tingħata dalwaqt.
4. Fil-laqgħa tiegħu tas-6 ta' Diċembru 2016, il-Kunsill ECOFIN iddiskuta t-test ta' kompromess² propost mill-Presidenza Slovacka. Matul dik il-laqgħa, il-President ikkonkluda li, għalkemm kien intlaħaq kunsens wiesa' dwar il-biċċa l-kbira tat-test, kien għad iridu jiġu riżolti ċerti kwistjonijiet pendenti, marbutin mal-eżenzjonijiet mill-kamp ta' applikazzjoni u d-data tal-implimentazzjoni. Uħud mill-Istati Membri żammew ukoll riżervi ta' skrutinju parlamentari.

II. SITWAZZJONI ATTWALI

5. Abbażi tal-eżitu li ntlaħaq taħt il-Presidenza Slovacka, il-Presidenza Maltija kompliet taħdem sabiex jinstabu soluzzjonijiet għal dawn il-kwistjonijiet pendenti.
6. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa ltaqa' fit-18 ta' Jannar 2017 u l-Attachés Fiskali ltaqgħu fit-30 ta' Jannar 2017. Il-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli ltaqa' fit-3 ta' Frar 2017, u fid-9 ta' Frar 2017 saret laqgħa tal-Attachés Fiskali.
7. Fil-15 ta' Frar 2017, il-Coreper iddiskuta t-test ta' kompromess³ propost mill-Presidenza, u b'mod partikolari dawk iż-żewġ kwistjonijiet pendenti:

1. Limitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni (l-Artikoli 2(9)(i) u 9(4)(b) tad-Direttiva (UE) 2016/1164):

a) Kapital Regulatorju Ibridu

aa) Uħud mid-delegazzjonijiet ipproponew eżenzjoni għar-rekwiżiti marbutin mal-kapaċità ta' assorbiment tat-telf, sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet potenzjalment inġusti bejn gruppi bi sjieda domestika u gruppi li ma għandhomx sjieda domestika. Ġie identifikat ukoll li, jekk ikun hemm eżenzjoni ta' dan it-tip, din għandha titfassal b'attenzjoni u tkun limitata li tkopri biss sitwazzjonijiet definiti u limitati.

² Dok. ST 15066/16 FISC 215 ECOFIN 1141.

³ Dok. ST 6076/17 FISC 35 ECOFIN 76.

Sabiex jinstab il-bilanċ ġust bejn il-ħtieġa li wieħed jaħseb għal eżenzjoni u l-ħtieġa li tiġi kkontrollata l-applikazzjoni riġida tagħha, il-Presidenza tipproponi, bħala kompromess, il-formulazzjoni li tinsab fl-Artikolu 9(4)(b).

bb) Meta mqabbel mal-abbozz ippreżentat lill-Ministri f'Diċembru, il-kompromess l-aktar reċenti jinkludi l-bidliet ewlenin li ġejjin:

- (1) Id-dispożizzjoni hija mmirata lejn is-settur bankarju, u b'rabta mal-gruppi konsolidati li joħorġu strumenti finanzjarji bħal dawn għall-finijiet li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti marbutin mal-kapaċità ta' assorbiment tat-telf;
- (2) Il-ħlas ma għandux isir bħala parti minn arranġament strutturat;
- (3) It-tħassir tar-referenza għall-impriża omm "apikali" bl-għan li jiġi kopert ħruġ li jseħħ fil-livelli tal-impriżi omm intermedji;
- (4) Kwalunkwe diskrepanza fl-eżiti ta' taxxa ma għandhiex tirriżulta biss fi tnaqqis uniku taħt l-istruttura. Dan ifisser li r-riżultat nett tat-taxxa meta tiġi applikata l-esklużjoni għandu jkun l-istess bħal dak li kien jirriżulta kieku l-fergħa sussidjarja bankarja setgħet toħroġ dejn subordinat direttament lis-suq.

cc) Il-formulazzjoni tal-Artikolu 9(4)(b) għandha titqies fid-dawl tal-limitazzjoni tal-eżenzjoni fiż-żmien (klawsola ta' estinzjoni). Il-Kummissjoni ser tkun inkarigata tevalwa l-applikazzjoni tiegħu permezz tad-Direttiva. F'termini ta' żmien, evalwazzjoni bħal din għandha ssir meta tkun tista' tiġi żgurata valutazzjoni xierqa; u għandu jingħata żmien biżżejjed lil-leġislatur biex jivvaluta r-rapport tal-Kummissjoni qabel ma tiskadi l-eżenzjoni.

b) Negozjanti finanzjarji

Id-diskussjonijiet bejn l-esperti wrew li kien meħtieġ li jiġi ċċarat li f'sitwazzjonijiet speċifiċi, il-ħlasijiet li jsiru minn negozjanti finanzjarji ma jwasslux għal diskrepanzi ibridi, dment li jiġu ssodisfati ċerti kondizzjonijiet. Il-Presidenza tipproponi formulazzjoni li tinkludi s-salvagwardji meħtieġa sabiex jiġi żgurat li titqies biss is-sitwazzjoni rilevanti. Dan il-kompromess jista' jinstab fil-Artikolu 2 (9) (i).

It-test ta' kompromess ma għadux jinkludi għalkollox l-Artikolu 9(4)(c) (kif jinsab fit-test ta' kompromess ta' Diċembru). Madankollu huwa jipprova jippreserva l-eżitu maħsub tiegħu permezz ta' approċċ aktar delimitat. Il-Presidenza hi tal-fehma li dan l-approċċ huwa aktar konformi mar-Rapport tal-BEPS tal-OECD dwar l-Azzjoni 2 (li jeskludi lin-negozjanti finanzjarji mill-kamp ta' applikazzjoni tar-regola dwar l-istrument finanzjarju ibridu minflok bħala eliġibbli għal eżenzjoni speċifika).

2. Data ta' implimentazzjoni (l-Artikolu 1(7) u l-Artikolu 2):

Uħud mid-delegazzjonijiet indikaw li ser ikun diffiċli li tinżamm id-data ta' implimentazzjoni proposta mill-Kummissjoni, li oriġinarjament kienet allinjata mad-Direttiva ATAD I, minħabba l-bidliet sinifikanti li jeħtieġ li jsiru fil-leġislazzjoni nazzjonali. Huma u jikkunsidraw il-posponiment tal-implimentazzjoni, bosta delegazzjonijiet fakkru fl-importanza tal-ġlieda kontra l-evitar tat-taxxa u l-ħtieġa li tiġi żgurata implimentazzjoni uniformi, rapida u komprensiva tad-dispożizzjonijiet dwar id-diskrepanzi ibridi (koerenza għall-implimentazzjoni ta' ATAD I u II).

Waqt il-Coreper tal-15 ta' Frar 2017, ġew espressi l-istess fehmiet.

Il-kompromess propost mill-Presidenza, li jirrikonċilja ż-żewġ naħat, jinsab fl-Artikolu 1(7) u l-Artikolu 2.

8. Kif ġie konkluż matul il-laqgħa tal-Coreper li l-approċċ propost mill-Presidenza kellu livell tajjeb ta' appoġġ, il-kompromess li jinsab fi 6333/17 huwa ppreżentat lill-Kunsill. Il-Kummissjoni ħabbret l-intenzjoni tagħha li titlob biex tiġi inkluża dikjarazzjoni fil-minuti tal-Kunsill. Delegazzjoni waħda kellha riżerva parlamentari, li sadanittant tneħħiet.

III. IT-TRIQ 'IL OUDDIEM

9. Il-Kunsill huwa mistieden jilħaq approċċ ġenerali dwar id-Direttiva, inkluż dwar id-dati tal-implimentazzjoni f'parentesi kwadri (l-Artikolu 9(4)(b) tad-Direttiva 2016/1164, l-Artikolu 1(6) u l-Artikolu 2(3)), abbażi ta' test ta' kompromess li jinsab fid-dokument 6333/17 FISC 46 ECOFIN 95, bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva, soġġett għall-wasla tal-opinjoni mill-Parlament Ewropew u r-reviżjoni mill-ġuristi-lingwisti.